Knisja Arċipretali ta' San Publju, Floriana
Uffiċċju Parrokkjali,
4, Triq Sarria,
Floriana.
Tel: 2124 7106
www.florianaparish.org

NRU. 127 FLORIANA LULJU 2010

## Messaġġ tal-Arċipriet

### META NGĦID LE GĦAX VERU MA NISTAX NGĦID IVA!

Għeżież Furjaniżi,

Fil-pożizzjoni tiegħi bhala Arċipriet niltaqa` ma' ħafna nies min jixtieq ħaġa u min jixtieq oħra. Hawn min jagħmilli suġġerimenti u hawn min jitlobni favuri. S'intendi kulħadd jaħseb li s-suġġeriment tiegħu huwa tajjeb u li l-opinjoni tiegħu hija t-tajba. Dan huwa naturali u mhux se nistagħġeb bih. Imma kultant dak li bniedem ikun issuġġerieli ikun propju il-kontra ta' dak li issuġġerieli ħaddieħor. Jien x'se nagħmel? Nuża il-bon sens tiegħi u nara x'jaqbel. S'intendi jekk nagħmel bħal ma jkun issuġġerieli xi ħadd inkun qed nogħġbu imma fl-istess ħin ma nkunx qed nogħġob lill-ieħor. U tal-ewwel jgħid l-arċipriet "sewwa għamel" u l-ieħor jgħid "għamel ħażin".

Ikun hawn min jitlobni affarijiet li jien ma nkunx nista' nagħtihomlu. Jien meta ngħid "le" għax veru ma nkunx nista' ngħid "iva". Di natura jiena nweġġa' meta bniedem ngħidlu "le" jew "ma nistax". Fejn nista' ngħid "iva" qatt ma ngħid "le". Ikun hemm min jitlobni biex anke nikser id-direttivi tal-knisja jew saħansitra t-tagħlim ta' Kristu. Dan mhux se nagħmlu. Kemm jiddispjaċini meta xi wħud ma jifmhunix u joħorgu minn quddiemi b'togħma qarsa għax inkun għidtilhom "le". Indum imħasseb ħin twil.

### ĦADD MA HUWA OBBLIGAT JIBQA' FIL-FIDI NISRANIJA BILFORS, IMMA MIN IRID JIBQA' IRID JOSSERVA T-TWEMMIN U T-TMEXXIJA TAGĦHA.

Issib min jgħidlek "jiena ma naqbilx mal-knisja". Ma jimpurtax, għandek kull dritt. Hawn min jgħidlek "jiena ma naqbilx ma' Kristu", ma jimpurtax, għandek kull dritt. Allura jekk ma taqbilx mal-knisja u lanqas ma' Kristu, ara x'se tagħmel. Ma tistax tkun sieq 'l hawn u sieq 'l hemm. Itlob parir u għid kemm trid l-opinjoni tiegħek, imma m'għandekx tippretendi li tibdel it-tagħlim ta' Kristu u tal-knisja int. Jekk lil Kristu kulħadd ifasslu kif irid hu u lill-knisja kulħadd jagħmilha kif irid hu jkollna knejjes u kristijiet daqs kemm hawn nies.

### L-EWWEL TQARBINA GĦADDIET, FEJN HU T-TQARBIN?

Ħadt pjaċir nara xi tfal li għamlu l-ewwel tqarbina u baqgħu jiġu jitqarbnu matul il-ġimgħa ta' wara u wkoll fil-Ħdud. Imma l-oħrajn fejn qegħdin. Il-ġenituri ta' dawn it-tfal kollha xtaqu jitqarbnu magħhom dakinhar tal-ewwel tqarbina. Għaliex issa ma għadx għandhom din ix-xewqa? Kienet xewqa ta' darba? Biex fir-ritratt nidhru nitqarbnu? U kemm tfal tal-ewwel tqarbina baqgħu jitqarbnu

kuljum? Kemm tfal ikbar qed jersqu biex jitqarbnu? Kemm irġiel u nisa żgħar qed jersqu jitqarbnu? It-tqarbin huwa għall-anzjani biss?

***KULĦADD JAF XI JGĦID BARRA KRISTU.***

Daż-żmien donnu kulħadd għandu raġun minbarra Kristu. Kulħadd jaf xi jgħid imma Hu le. Int xi stima għandek ta' Kristu u tat-tagħlim tiegħu? Jew tippretendi li anke int taf izjed minnu?

Tislijiet u barka. ■

***Fr Richard Borg, Arċipriet***

## IL-ĦIDMA PASTORALI FIL-PARROĊĊA... ...TKOMPLI FIS-SAJF UKOLL LULJU 2010

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis 2 | L-Ewwel ġimgħa tax-xahar |
| | 4.30 pm Adorazzjoni. |
| | 8.30 pm Quddiesa fil-Ġnien Re Ġorġ Ħamsa (il-bandli). |
| It-Tnejn 5 | Tibda l-Adorazzjoni fil-Kappella tan-Nazzarenu. |
| | Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali. |
| Il-Ħamis 15 | Pellegrinaġġ Marjan għall-Madonna tal-Mellieħa. |
| Il-Ġimgħa 16 | L-Aħħar dehra tal-Madonna ta' Lourdes. |

## IT-TAGĦLIM GĦAT-TFAL IKOMPLI

**Laqgħa ghas-subien -** Il-katekisti tal-Museum se jkomplu jlaqqgħu t-tfal u ż-żgħażagħ bħal ma kienu fi żmien ix-xitwa.

**Laqgħat għall-bniet -** Laqgħat mat-tfal darba fil-ġimgħa nhar ta' Tlieta fil-5.15 pm.

**Laqghat għall-abbatini -** Laqgħat fil-ġimgha jew xi attivita` oħra. Servizz flimkien waqt il-quddiesa tas-Sibt filgħaxija.

## IL-FORMAZZJONI FL-GĦAQDIET MA TIQAFX

**Abbatini Żgħażagħ** - Attivitajiet u servizz flimkien fil-quddiesa tas-Sibt filgħaxija.

**Youth Centre** - Attivita` ta' darba fix-xahar għall-membri.

**Azzjoni Kattolika tan-Nisa u tax-Xebbiet** - Matul is-sajf il-laqgħat jibdew isiru flimkien fl-Oratorju nhar ta' Tlieta fid-9.30 am.

**Leġjun ta' Marija -** Laqgħat kull nhar ta' Ħamis fis-6.00 pm fil-knisja.

## ADORAZZJONI FIL-KAPPELLA TAN-NAZZARENU

Ta' kull sena matul ix-xhur tas-Sajf ikollna l-adorazzjoni fil-kappella tan-Nazzarenu.

Din tkun kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa mis-7.00 pm sad-9.00 pm. Tibda mill-5 ta' Lulju sas-27 ta' Lulju u terġa' tkompli mis-6 ta' Settembru sal-15 ta' Settembru.

Meta jkun hemm il-kunċerti fuq il-Fosos l-Adorazzjoni ma tiftaħx.

## LAQGHAT TA’ TAGĦLIM GĦAL KULĦADD: *TWILIGHT MEETINGS*

Għat-tieni sena konsekuttiva se jkollna tliet laqgħat ta’ tagħlim għal kulħadd fi Pjazza San Publju (il-Fosos). Dawn se jsiru nhar l-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa 25, 26 u 27 ta’ Awwissu, fis-7.30 pm, fil-ġimgħa ta’ qabel ma tibda l-Florianafest.

## QUDDIES FIL-ĠNIEN RE ĠORĠ ĦAMSA U FUQ IL-FOSOS

Nhar l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar ta’ Lulju - 2 ta’ Lulju fit-8.30 pm.
Nhar l-Ewwel Ġimgha tax-xahar ta’ Awwissu - 6 ta’ Awwissu fit-8.15 pm.
Nhar il-Ġimgħa, 27 ta’ Awwissu fi Pjazza San Publju (il-Fosos) fis-7.30 pm.

**FLORIANAFEST** Mit-Tnejn 30 ta’ Awwissu sal-Ġimgħa 3 ta’ Settembru.

## ĦLAS TAL-AMBONE L-ĠDID

L-ambone l-ġdid tal-irham li żżanżan u tbierek nhar il-11 ta’ April 2010 fil-quddiesa ta’ qabel il-ħruġ tal-Vara ta’ San Publju sewa is-somma ta’ Ewro 7230. Dan huwa mhallas diġa`.
Il-benefattruri tal-ambone l-ġdid huma l-familja Cuschieri. Huma ħallsu s-somma kollha. Nirringrazzjawhom u nitolbu ghalihom.

## FLORIANAFEST SAJF 2008 FLORIANAFEST

Minn nhar it-Tnejn 30 ta’ Awwissu sal-Ġimgħa 3 ta’ Settembru quddiem il-knisja ta’ San Publju.
Tombla, logħob, divertiment, ikel u varjetà fuq il-palk.
Attivita` organizzata mill-Grupp Ħidma San Publju bil-kollobarazzjoni tal-Kunsill Lokali Floriana.

## NIFIRĦU LIL DAWN L-INSARA ĠODDA

Noah Leon bin Neville u Marica Micallef
Farouk Philip bin Hussein u Francesca Tenimu Tenimu
Caden bin Jason u Jesabel Mesimer

## INGHAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

Justin Haber u Raquel Camenzuli 06.06.2010
Alexander Attard u Elaine Zammit 26.06.2010

## DAĦLU FIL-ĦAJJA TA’ DEJJEM

Anthony Gauci ta’ 47 sena
Violet Muscat ta’ 87 sena
Inez Vassallo ta’ 79 sena
Joseph Mifsud Grech ta’ 83 sena

# RENDIKONT FESTA TA' SAN PUBLJU FLORIANA APRIL 2010

| Rendikont Dħul | | Rendikont Ħruġ | |
|---|---|---|---|
| Bilanċ mis-sena 2009 | 502.72 | Armar u manutenzjoni inkluż spejjeż fil-mezzanin | 1123.45 |
| Dħul mil-lotteriji | 2801.33 | Stampar | 2324.00 |
| Użu tas-Sala San Publju | 3122.93 | Dawl fit-toroq | 4590.00 |
| Coffee mornings/Teas/dinners | 1994.94 | Servizzi Kapep u qniepen | 330.00 |
| Reklami tal-programm | 2620.70 | Servizzi isqfijiet u saċerdoti | 296.78 |
| Lira fix-xahar | 230.00 | Refreshments | 200.00 |
| Florianafest | 1208.71 | Servizzi ta Baned | 3419.00 |
| Souvenirs | 50.35 | Mużika | 3473.00 |
| Ħruġ Rabat u Għhawdex | 419.35 | Nar u insurance | 3217.20 |
| Arbural | 7355.00 | Anġlu fi Triq il-Konservatorju | 1050.00 |
| Ġabra San Publju Jannar | 450.00 | T-shirts irrakmati | 1162.30 |
| Kaxxa quddiem San Publju | 320.00 | Lill-fondi tal-Parroċċa | 2360.00 |
| Ġabra ħruġ tal-vara 11.4.2010 | 970.00 | Lill-fond tal-linef | 2300.00 |
| Ġabra dħul tal-Vara 29.6.2009 | 853.00 | Tiswija ta' ħsarat fuq vetturi | 378.50 |
| Ġabra dħul tal-Vara 25.4.2010 | 1130.00 | | |
| Tombla | 177.50 | | |
| Qliegh mid-DVD 29.6.2009 | 800.00 | | |
| Mill- Isle of MTV show | 1000.00 | | |
| Oħrajn | 708.00 | | |
| Total | Ewro 26714.53 | | Ewro 26224.23 |

**BILANĊ**

| | |
|---|---|
| **DĦUL TOTALI** | **Ewro 26714.53** |
| **ĦRUĠ TOTALI** | **Ewro 26224.23** |
| **BILANĊ** | **Ewro 490.30** |

**Grazzi kbira mill-Arċipriet u mill-Grupp Ħidma San Publju**

# TFAL LI GĦAMLU L-EWWEL TQARBINA 30.05 2010

**Bniet:**
Rylees Agius Briffa
Jessica Borg Bonaci
Roanna Demanuele
Kaiya Gerada Azzopardi
Hailey Jo Glaum
Kaia Mallia Vella
Martina Mifsud
Shanise Schembri
Francesca Pia Tabone
Francesca Floriana Tonna

**Subien :**
Beppe Agius
Kieran Bonnici
Luke Borg Bonaci
Alexander Debono Pace
Pasquale Ettore Di Bari
Mikhail Mansueto
Royan Spiteri

**Nifirħu lilhom u lill-familji tagħhom.**